FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2001

**Numru 18**

**Avviz. numru 938/01JR**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Cassar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Philip Cassar**

**vs**

**Eman Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hames mija tlieta u hamsin lira Maltija disgha u tletin centezmu (Lm553.39), jew ammont verjuri, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tas-7 t'Ottubru, 1999, f'Bordin Street, kantuniera ma' Qrejten Street, Msida, bejn il-vettura numru IAM-034 misjuqa mill-konvenut

**u proprjeta` ta' Joseph Zammit u l-vettura numru JAE-898 misjuqa minn Romina Cassar, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b't'ort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 t'Ottubru, 2000, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici tieghu, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Romina Cassar u ta' Mark Axiaq. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku bejn il-vettura JAE-898 misjuqa minn Romina Cassar, u l-vettura IAM-034 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fi Triq Bordin kantuniera ma' Triq Qrejten, Msida, fis-7 t'Ottubru, 1999.**

2. **Jirrizulta mill-isketch u mir-road accident report, esebiti bhala Dok.MA2 sa MA4, u MA5 rispettivament, illi l-incident gara meta il-konvenut baqa' hiereg minn fuq "stop sign" u dahal fil-vettura misjuqa minn Romina Cassar. M'hemmx dubju li min kien hiereg minn fuq "stop sign" kellu qabel ma johrog jassigura ruhhu li seta' jaghmel hekk minghajr ma jkun ta' xkiel ghall-traffiku li jkun ghaddej dak il-hin, haga li l-konvenut m'ghamilx. Ghaldaqstant il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh.**

3. **Id-danni li sofra l-assikurat tas-socjeta` attrici huma dawk indikati fid-Dok.MA8 sa Dok.MA13, li jammontaw ghas-somma mitluba fl-avviz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici u lill-attur is-somma ta' hames mija tlieta u hamsin lira Maltija disgha u tletin centezmu (Lm553.39), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 t'Ottubru, 2000, u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**